MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Numru. 654/2003

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
SEAN ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sean Zammit ta’ 16 il-sena imwieled nhar it-30 ta’ Novembru 1986 gewwa Pieta bin George u Emanuela nee Zammit residenti Thank God, Plt 46, Triq iz-Zaghar Attard detentur tal-karta tal-identita numru 544686M talli fil-perjodu ta’ bejn it-18 u t-22 ta’ Lulju tas-sena 2003 ikkommetta serq min gewwa il-fond numru 6 Garden Crescent San Giljan ghad-dannu ta’ Dr Christopher Borg liema serq hu aggravat bil-valur, bil-hin, u bil-persuna, ai termini tal-Art 261, 267, 268(a), 270, 279(a), 280, 281, 282 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli matul l-istess dati, hinijiet, u cirkostanzi xjentement b'kull mod indahal sabiex jbiegh jew imexxi hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat fil-gzejje maltin u dan ai temini tal-Art 334 u 334(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess perjodu tax-xahar ta' Lulju 2003 f'dviersi bnadi fil-gzejjer ta' Malta saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAL 434 minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan korrenti, minghajr polza ta' assigurazzjoni ghal terzi persuni, b'manjiera traskurata u negligenti u dan bi ksur tar-regolment tat-traffiku tal-artikolu 15 tal-kap 65 u Art 3 tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokujmenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 268(a), 270, 279, 280, 281, 282, u 334 tal-kap 9, Art 15 tal-kap 65, Art 3 tal-kap 104 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rat iehor fi zmien sentejn filwaqt li tikkundannah multa ta' Lm250 u tissopendielu il-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------